Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

13 ta' Ġunju, 2000

## ATT Nru. XV ta' l-2000

*Att biex jemenda l-Att dwar ix-Xandir, Kap. 350*

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgha f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:–

**1.** It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar ix-Xandir u ghandu jinqara u jiftiehem haġa wahda ma' l-Att dwar ix-Xandir, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Att prinċipali" u ghandu jibda jsehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistghu jiġu hekk stabbiliti ghal dispożizzjonijiet u ghanijiet differenti ta' dan l-Att.

Titolu fil-qosor u bidu fis-sehh.

Kap. 350.

**2.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali ghandu jiġi emendat kif ġej:–

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara t-tifsira ta' l-espressjoni "l-Awtorità" ghandha tidhol din it-tifsira ġdida li ġejja:–

"Liċenza ta' xandir" tfisser liċenza mahruġa skond l-artikolu 10 ta' dan l-Att mill-Awtorità tax-Xandir u tinkludi wkoll kull liċenza, kuntratt jew dokument iehor mahruġ taht xi liġi ohra li permezz tieghu persuna tkun awtorizzata tipprovdi servizz ta' xandir;";

(b) it-tifsira ta' l-espressjoni "reklamar" ghandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:-

" "reklamar" tfisser kull ghamla ta' thabbira mxandra sew jekk issir bi hlas jew ghal konsiderazzjoni simili, jew

tħabbira mxandra bil-għan li ġġib 'il quddiem intrapriża pubblika jew privata b'konnessjoni ta' kummerċ, sengħa, negozju, jew professjoni bl-għan li tippromwovi l-provvista ta' prodotti jew servizzi, inklużi proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi, bi ħlas;";

(ċ) it-tifsira li ġejja għandha tiġi miżjuda wara t-tifsira ta' l-espressjoni "reklamar":–

" "reklamar b'ħabi" tfisser rappreżentazzjoni fi kliem jew immaġini ta' prodotti, servizzi, l-isem, *trade mark*, jew attivitajiet ta' manifattur ta' prodotti jew ta' min jipprovdi servizzi fi programmi fejn dik ir-rappreżentazzjoni hi intiża minn min qed ixandar li sservi ta' reklam u tista' tiżvija lill-pubbliku dwar in-natura tagħha. Dik ir-rappreżentazzjoni tkun meqjusa li tkun intenzjonata b'mod partikolari jekk issir in kambju għal pagament jew għal konsiderazzjoni simili;";

(d) it-tifsira ta' l-espressjoni "*sponsorship*" għandha tigi sostitwita b'dan li ġej:–

" "*sponsorship*" tfisser kull kontribut minn intrapriża pubblika jew privata li mhix involuta f'attivitajiet ta' xandir jew fil-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjo-viżivi għall-iffinanzjar ta' programmi, bil-għan li jinġieb 'il quddiem l-isem, *trade mark*, jew id-dehra, l-attivitajiet jew il-prodotti ta' dik l-intrapriża;";

(e) it-tifsira li ġejja għandha tiġi miżjuda wara t-tifsira ta' l-espressjoni "tekniki subliminari":–

" "*teleshopping*" tfisser offerti diretti mxandra lill-pubbliku bl-għan li jiġu provduti prodotti jew servizzi, inkluzi proprjetà immobbli, drittijiet u obbligi, bi ħlas;".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:–

(a) is-subartikoli (1) sa (11) tiegħu għandhom jiġu rinumerati bħala s-subartikoli (2) sa (12) tiegħu;

(b) minnufih qabel is-subartikolu (2) tiegħu kif rinumerat għandu jidħol dan is-subartikolu:

"(1) Bla ħsara għal dak li huwa provdut f'dan l-Att jew f'xi liġi oħra, il-libertà li xxandar u li tirċievi xandir hija garantita.";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu kif rinumerat il-kliem ", hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "liċenza tax-xandir" " għandhom jitħassru;

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu kif rinumerat minflok il-kliem "Liċenza" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għal kull obbligazzjoni li Malta tkun daħlet fiha li tinkludi sew obbligazzjoni ta' trattament nazzjonali għar-rigward ta' ċittadini barranin sew klawsola ta' reċiproċità applikabbli għall-kontroll jew il-proprjetà ta' mezzi tax-xandir, liċenza"; u

(e) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) kif rinumerat minflok il-kliem "Ebda organizzazzjoni, persuna jew kumpanija ma tista' tippossjedi, tikkontrolla jew tkun ukoll responsabbli editorjalment għal iktar minn servizz tax-xandir wieħed bir-radju u servizz ta' xandir wieħed bit-televiżjoni taħt dan l-Att;" għandu jidħol dan li ġej:

"Ebda organizzazzjoni, persuna jew kumpannija ma tista' tkun proprjetarja, tikkontrolla jew tkun responsabbli editorjalment għal iżjed minn:

(i) servizz wieħed tax-xandir bir-radju li jkun ixandar b'mezz terrestri jew fuq il-*cable*; u

(ii) servizz wieħed tax-xandir bit-televiżjoni li jkun ixandar b'mezz terrestri jew fuq il-*cable*; u

(iii) servizz wieħed tax-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni li jkun dedikat esklusivament għat-*teleshopping* u li jkun ixandar b'mezz terrestri jew fuq il-*cable*:"; u

(f) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) kif rinumerat il-kliem "bil-fili u bil-mewġ fl-arja" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "b'mezz terrestri u fuq il-*cable*".

**4.** L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Il-Ministru flimkien mal-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili, jista' minn żmien għal żmien jemenda jew jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att."; u

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jitħassar.

Żieda ta' l-artikolu 12A ma' l-Att prinċipali.

**5.** Minnufih wara l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Libertà li tirċievi u tirritrasmetti programmi.

12A. (1) Bla ħsara għal dak li hu provdut f'dan l-Att jew f'xi liġi oħra, il-libertà li tirċievi u li tirritrasmetti programmi tar-radju u tat-televiżjoni hija garantita.

(2) Il-Prim Ministru jista' jagħmel regolamenti li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet imsemmija hawn fuq u huwa jkollu s-setgħa li jippreskrivi dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet u restrizzjonijiet li jidhirlu xierqa f'dan ir-rigward u li jkun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**6.** L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat billi l-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:–

"(d) li proporzjonijiet xierqa ta' materjal rekordjat u materjal ieħor imdaħħal fil-programmi jkunu magħmulin bil-lingwa Maltija u jirriflettu l-identità kulturali Maltija;".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**7.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Dawn l-attijiet li ġejjin ma jistgħux jiġu mwettqin qabel ma jkun hemm il-kunsens bil-quddiem u bil-miktub ta' l-Awtorità, li ma għandux ma jingħatax mingħajr raġuni valida:

(i) l-assenjazzjoni ta' liċenza tax-xandir;

(ii) it-trasferiment ta' ishma f'kumpannija li jkollha liċenza tax-xandir;

(iii) it-trasferiment tal-kontroll effettiv ta' kumpannija li jkollha liċenza tax-xandir;

(iv) it-trasferiment ta' kontroll maniġerjali ta' stazzjon ta' xandir minn detentur ta' liċenza tax-xandir lil persuna oħra;

(v) it-trasferiment tal-proprjetà benefiċjarja ta' kumpannija li jkollha liċenza tax-xandir;

(vi) il-fużjoni ta' kumpanniji li jkollhom liċenzi tax-xandir:

Iżda fil-każ ta' xandir imsemmi fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16A l-funzjonijiet mogħtijin lill-Awtorità taħt dan is-subartikolu għandhom jiġu eżerċitati mill-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili jew mill-persuna li tawtorizza dak ix-xandir.".

Żieda ta' l-artikolu 16A ġdid ma' l-Att prinċipali.

**8.** Minnufih wara l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:–

"Applikabilità tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att.

16A. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għax-xandara kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni Maltija kemm kif eżistenti fiż-żmien meta jiġi fis-seħħ dan l-artikolu kif ukoll kif din tista' tiġi definita u estiża minn żmien għal żmien skond regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-artikolu 37 ta' dan l-Att:

Iżda:

(a) id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (4) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw:

(i) għall-provdiment ta' servizzi tax-xandir bis-smigħ jew bit-televiżjoni mill-Gvern jew minn kull persuna, korp jew awtorità li jkollhom liċenza minn jew skond arranġamenti li jagħmlu mal-Gvern; u

(ii) liċenza tax-xandir mogħtija qabel l-1 ta' Ġunju, 1991;

(b) id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 minbarra dawk tas-subartikoli (10) u (11) tiegħu, u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) u tas-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 13, ta' l-artikoli 17 u 18, u tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 23 ta' dan l-Att ma għandhomx ikunu japplikaw għar-rigward tal-provdiment ta' servizzi ta' xandir bis-smigħ jew bit-televiżjoni bis-satellita skond liċenza maħruġa mill-Gvern jew minn persuna, korp jew awtorità li l-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili jista' b'ordni maħruġ taħt dan l-artikolu jawtorizza li toħroġ liċenza bħal dik.

(2) Ix-xandir imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) u fil-paragrafu (b) tal-proviso għas-subartikolu

(1) ta' dan l-artikolu għandu jkun suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili jew dik il-persuna, korp jew awtorità bħalma huma imsemmija fil-paragrafu (b) tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, skond il-każ, tista' tqis li jkun xieraq, liema kundizzjonijiet jistgħu ukoll jinkludu kundizzjonijiet simili fil-kontenut għad-dispożizzjonijiet li jkunu ġew magħmula inapplikabbli għal dak ix-xandir bis-saħħa tal-proviso għas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

**9.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "dawk is-servizzi." għandhom jidħlu l-kliem "dawk is-servizzi:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:–

"Iżda wara li jkun assenja frekwenza tax-xandir skond dan is-subartikolu l-Ministru jkun jista' jvarja minn żmien għal żmien il-kundizzjonijiet dwar l-użu ta' dik il-frekwenza mid-detentur tal-liċenza tax-xandir u dan wara li l-Ministru jkun sema' s-sottomissjonijiet ta' l-istess detentur ta' liċenza fuq il-proposta tal-varjazzjoni. Deċiżjoni tal-Ministru li tittieħed skond dan il-proviso għandha:

(a) tiġi fis-seħħ wara li l-imsemmi detentur tal-liċenza jkun ingħata avviż raġonevoli tad-data li fiha dik id-deċiżjoni tkun se tiġi fis-seħħ;

(b) tkun tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u ma tittieħidx b'mod diskriminatorju;

(ċ) tkun bil-miktub;

(d) tkun tinkludi r-raġunijiet li tkun imsejsa fuqhom; u

(e) tiġi notifikata lid-detentur tal-liċenza u pubblikata fil-Gazzetta.".

Żieda ta' l-artikoli ġodda 21A u 21B ma' l-Att prinċipali.

**10.** L-artikoli li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali:

"Proċedura ta' l-ilmenti.

21A. (1) Terzi persuni milquta jistgħu jilmentaw ma' l-Awtorità u jitolbuha li tassigura li x-xandara jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha tħejji Kodici għall-investigazzjoni u għad-determinazzjoni ta' ilmenti.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, l-Awtorità jkollha d-dritt li tipprovdi kopja ta' kull xandira lil kull persuna li tħoss ruħha aggravata bil-kontenut ta' dik ix-xandira. Dik il-kopja għandha tingħata bi ħlas li għandu jkun raġonevoli u bbażat fuq l-ispejjeż inkorsi.

(4) L-Awtorità tista' tagħmel regolamenti li jkunu jipprovdu għal proċedura, terminu u ħlasijiet għall-għoti ta' kopja ta' xi xandira minn stazzjon ta' xandir lil kull persuna li tħoss ruħha aggravata bil-kontenut ta' dik ix-xandira.

Pubblikazzjoni tal-Kodiċijiet.

21B. L-Awtorità għandha tippubblika fil-Gazzetta l-Kodiċijiet magħmula skond din it-Taqsima ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali.

**11.** (a) L-artikolu 37 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi numerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu.

(b) Immedjatament wara l-imsemmi subartikolu (1) għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Prim Ministru jista' jagħmel regolamenti:

(a) biex jirriżerva għal dawk ix-xogħlijiet li joriġinaw minn dawk il-pajjiżi li l-Prim Ministru jista' b'ordni jippreskrivi u għal xogħlijiet imsemmija fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att proporzjonijiet jew limiti massimi, ta' ħin ta' trasmissjoni bil-mezzi tax-xandir;

(b) biex jirriżerva proporzjon ta' ħin ta' trasmissjoni bil-mezzi tax-xandir u tal-*budget* ta' programmi ta' stazzjon għal xogħlijiet ta' produtturi indipendenti li jkunu joriġinaw minn dawk il-pajjiżi li l-Prim Ministru jista' jiddetermina;

(ċ) biex jippromwovi d-distribuzzjoni u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjo-viżivi u xandiriet televiżivi;

(d) biex jirregola t-trasmissjoni bit-televiżjoni ta' avvenimenti li huwa jikkunsidra li huma ta' importanza maġġuri għas-soċjetà u biex jordna li dawk l-avvenimenti għandhom ikunu trasmessi permezz ta' xandiriet diretti jew permezz ta' filmati fuq stazzjonijiet televiżivi riċevibbli mingħajr ħlas u aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali;

(e) biex jiddefinixxi min huma dawk ix-xandara bit-televiżjoni u liema huma dawk l-attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' Malta u biex jestendi l-ġurisdizzjoni Maltija fuq xandara u fuq attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni sabiex jirrendi aktar effettivi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u biex jassigura l-implimentazzjoni ta' obbligazzjonijiet internazzjonali li Malta tkun assumiet jew li tkun bi ħsiebha tassumi;

(f) biex jippreskrivi l-miżuri li jistgħu jittieħdu dwar xandara jew persuni oħra li jonqsu li jħarsu xi regolamenti magħmula taħt il-paragrafi preċedenti ta' dan is-subartikolu u biex jirrendi l-artikolu 41 ta' dan l-Att applikabbli għal ksur ta' regolamenti magħmula taħt dan is-subartikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali.

**12.** Is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

**13.** L-artikolu 40 ta' l-Att principali għandu jigi sostitwit b'dan li ġej:–

"Obbligu ta' ritrasmissjoni.

40. (1) Kull persuna li jkollha liċenza biex tħaddem sistema ta' televiżjoni permezz tal-*cable* jew biex tħaddem kull sistema oħra għar-ritrasmissjoni ta' għadd ta' servizzi ta' xandir bit-televiżjoni lill-pubbliku għandha tiddistribwixxi fuq dik is-sistema dawk is-servizzi kollha ta' xandir bit-televiżjoni, ħlief għal servizzi ta' xandir dedikati kompletament għat-*teleshopping*, liċenzjati f'Malta u li jkunu jistgħu jiġu riċevuti b'mezz terrestri u mingħajr ħlas lill-pubbliku f'Malta.

(2) Il-Ministru responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili jista' b'regolamenti jipprovdi għal obbligu ta' ritrasmissjoni fuq dawk is-sistemi msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ta' servizzi oħra ta' xandir bit-televiżjoni, inklużi wkoll dawk dedikati kompletament għat-*teleshopping*, taħt dawk il-kundizzjonijiet, li jistgħu jinkludu wkoll obbligu ta' ħlas ta' kumpens lill-operatur ta' xi sistema kif imsemmija, hekk kif l-istess Ministru jkun jidhirlu xieraq.".

Żieda ta' artikolu ġdid f'Taqsima IX ta' l-Att prinċipali.

**14.** Minnufih wara l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:–

"Proċedura speċjali amministrattiva.

41. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, ir-reati msemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Ħames Skeda

ma' dan l-Att għandhom ikunu offiżi amministrattivi punibbli mill-Awtorità.

(2) L-impożizzjoni mill-Awtorità ta' sanzjoni ta' natura amministrattiva skond dan l-artikolu għandha tkun bla ħsara għal kull konsegwenza oħra ta' dak l-att jew dik l-ommissjoni tal-persuna li tagħmel dik l-offiża skond il-liġi ċivili jew il-liġi amministrattiva.

(3) L-Awtorità għandha tosserva l-garanziji ta' smiegħ xieraq u fil-pubbliku meta hija tiddeċiedi jekk persuna hix ħatja ta' offiża amministrattiva skond dan l-artikolu.

(4) Meta l-Awtorità hi tal-fehma li persuna kkommettiet offiża kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att imsemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Hames Skeda ma' dan l-Att, l-Awtorità tista' -

(a) twiddeb bil-miktub lil dik il-persuna; jew

(b) tordna lil dik il-persuna li ma xxandarx għal perijodu speċifiku ta' ħin u, jekk l-Awtorità hekk tordna, hija għandha tordna lil dik il-persuna li tittrasmetti bla ħlas tul il-ħin kollu li l-istazzjon ma jkunx qed ixandar avviż fis-sens li l-istazzjon in kwistjoni mhux qed jitħalla jxandar għall-perjodu ta' żmien b'ordni ta' l-Awtorità skond dan il-paragrafu; jew

(ċ) timponi penali amministrattiva fil-konfront ta' dik il-persuna skond il-pieni msemmija fit-Tieni Kolonna tal-Hames Skeda ma' dan l-Att u suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dik l-Iskeda:

Iżda l-Awtorità ma tistax teħtieġ il-ħlas ta' penali ta' aktar minn ħamest'elef lira jew dak l-ammont ieħor li l-Prim Ministru jista' b'ordni jippreskrivi, liema ammont m'għandux jeċċedi ħmistax-il elf lira u l-Awtorità ma tkunx tista' timponi fil-konfront ta' dik il-persuna li tinsab ħatja ta' aktar minn offiża waħda fl-istess akkuża l-ħlas ta' penali li teċċedi l-ammont ta' ħamest elef lira jew dak l-ammont l-ieħor preskritt mill-Prim Ministru kif ingħad hawn fuq:

Iżda wkoll l-Awtorità tista' timponi penali sospiża, liema penali għandha titħallas f'dak il-perjodu li l-Awtorità tista' tistabbilixxi. L-Awtorita ukoll tista'

tiddetermina dawk il-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u restrizzjonijiet kemm fir-rigward tal-ħlas tal-penali jew tal-penali sospiża li jidhrilha xieraq; jew

(d) tapplika separatament jew flimkien il-miżuri msemmija fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu fil-konfront ta' tali persuna.

(5) Meta jkun ingħata avviż ta' akkuża skond dan l-artikolu, il-persuna msemmija fl-avviż tista' f'dak iż-żmien li l-Awtorità tista' tapprova, mid-data tan-notifika ta' l-avviż taċċetta responsabbiltà għall-offiża speċifikata fl-avviż u, f'dak iż-żmien, jew fiż-żmien ulterjuri li l-Awtorità tista' tippermetti, tirrimedja għall-offiża u tħallas, jew tintrabat bil-miktub li tħallas, il-penali indikata fl-avviż jew dik il-penali li l-Awtorità tistà taċċetta skond id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Skeda ma' dan l-Att u f'kull każ bħal dan:–

(a) il-persuna msemmija fl-avviż titqies li tkun għamlet l-offiża u li ammettiet il-ħtija tagħha dwarha, u l-penali mħallsa, jew li tkun intrabtet li tħallas, għandha tkun il-penali msemmija fit-Tielet Kolonna tal-Ħames Skeda ma' l-Att;

(b) jekk l-offiża tiġi rimedjata u l-penali titħallas fiż-żmien, jew fiż-żmien ulterjuri, imsemmi qabel, ebda proċedimenti oħra ma jkunu jistgħu jittieħdu kontra dik il-persuna dwar l-istess fatti;

(ċ) jekk il-penali ma titħallasx fiż-żmien mogħti fl-avviż, jew fi żmien ulterjuri li l-Awtorità tista' tistabbilixxi, l-Awtorità tista', bla ħsara għad-dritt tagħha li tiġbor il-penali, tapplika wkoll id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(6) Id-deċiżjoni ta' l-Awtorità għandha tkun finali: b'dan illi l-osservanza tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità m'għandhiex tiġi interpretata bħala rinunzja għad-dritt li jintalab li l-każ jiġi mistħarreġ ġudizzjarjament.

(7) Sunt tad-deċiżoni ta' l-Awtorità skond dan l-artikolu għandu jiġi mxandar fil-bullettin prinċipali ta' l-aħbarijiet ta' l-istazzjon li jkun kiser il-liġi jew f'dak il-ħin li l-Awtorità tista' tordna lill-istess stazzjon.

(8) Kull penali amministrattiva inflitta mill-Awtorità jew li l-akkużat ikun aċċetta li jħallas skond id-

dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun dovuta lill-Awtorità bħala dejn ċivili u tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-fini ta' Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bħallikieku l-ħlas ta' l-ammont ta' dik il-penali ġie ordnat b'sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili. Kap. 12.

(9) Id-depenalizzazzjoni ta' l-offiżi msemmija fil-Ħames Skeda ma' dan l-Att għandha tkun bla ħsara għal kull reat kriminali mwettaq qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu u għal kull possibilità ta' prosekuzzjoni jew għal kull piena li tista' tiġi inflitta għall-istess offiża skond il-liġi li tkun fis-seħħ meta jkun sar dak ir-reat:

B'dan illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-akkuzat jista', f'kull żmien qabel mal-kawża tithalla għas-sentenza, jagħżel li jużufruwixxi mill-possibilità li jħallas penali amministrattiva mnaqqsa minflok li jitkomplew dawk il-proċeduri skond il-Ħames Skeda ma' dan l-Att u, wara li jipprova li huwa ikun ħallas dik il-penali, il-proċeduri għandhom jieqfu u l-ebda proċeduri oħra m'għandhom jittieħdu kontra l-akkużat għar-rigward ta' l-istess fatti.

(10) L-Awtorità tista' flimkien mal-Prim Ministru tagħmel regolamenti sabiex jagħtu effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u sabiex il-Ħames Skeda ta' dan l-Att tiġi emendata jew sostitwita f'parti minnha jew kollha kemm hi.".

**15.** L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:– Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subparagrafu (ħ) tal-paragrafu 1 tagħha għandhom jidħlu l-kliem:

"(h) kundizzjonijiet dwar l-apparat ta' trasmissjoni li d-detentur ta' liċenza għandu juża."; u

(b) minflok is-subparagrafu (d) tal-paragrafu 3 tagħha għandhom jidħlu l-kliem:

"(d) jkollu aktar qawwa ta' trasmissjoni milli huwa raġonevolment meħtieġ għall-fini ta' trasmissjoni. L-Awtorità għandha, flimkien mad-Dipartiment responsabbli għat-telegrafija mingħajr fili, tistabilixxi dak l-ammont raġonevoli ta' qawwa ta' trasmissjoni u, sabiex tagħmel dan, għandha

tieħu in konsiderazzjoni il-varjazzjonijiet li jeżistu f'tali qawwa minn post għall-ieħor minħabba t-topografija tal-lokalità involuta;".

Emendi għat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**16.** Il-paragrafu 16 tat-Tieni Skeda ma' l-Att principali għandu jitħassar u l-paragrafi 17 sa 25 għandhom jiġu rinumerati bħala l-paragrafi 16 sa 24 tagħha.

Żieda ta' Skeda ġdida.

**17.** L-Iskeda ġdida li ġejja għandha tiżdied wara r-Raba' Skeda ma' l-Att principali:

**"IL-ĦAMES SKEDA**

[Artikolu 41]

**OFFIŻI LI JAQGĦU FIL-ĠURISDIZZJONI TA' L-AWTORITA' TAX-XANDIR**

| L-EWWEL KOLONNA | IT-TIENI KOLONNA | IT-TIELET KOLONNA |
|---|---|---|
| **Dispożizzjoni** | **Penali** | **Penali Mnaqqsa** |
| Artikolu 10(5)(a) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 10(6) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 10(7) | Lm 100 | Lm 75 |
| Artikolu 10(9) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 13(2)(a) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 13(2)(b) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 13(2)(c) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 13(2)(d) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 13(2)(e) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 13(2)(f) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 13(3) | Lm 100 | Lm 75 |
| Artikolu 15 | Lm 2,000 | Lm 1,800 |
| Artikolu 16 | Lm 1,000 | Lm 800 |
| Artikolu 16(2) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 18(3) | Lm 1,000 | Lm 800 |
| Artikolu 18(4) | Lm 1,000 | Lm 800 |

| L-EWWEL KOLONNA | IT-TIENI KOLONNA | IT-TIELET KOLONNA |
|---|---|---|
| **Dispożizzjoni** | **Penali** | **Penali Mnaqqsa** |
| Artikolu 19(l) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 19(3) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 19(4) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 19(5) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 19(6) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 19(7) | Lm 200 | Lm 150 |
| Artikolu 19(11)(a) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 19(11)(b) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 19(11)(c) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 20(l)(a) & (2) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 20(l)(b) & (2) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 20(3) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 20(4) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 21 (1)(a) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 21 (1)(b) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 21(2) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 21(3)(a) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 21(3)(b) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 22(l) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 22(2) | Lm 1,000 | Lm 750 |
| Artikolu 23(l) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 23(2) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 23(3)(a) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 23(3)(b) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 23(4)(a) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 23(4)(b) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 23(4)(c) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 23(5) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 25(6) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 25(7) | Lm 500 | Lm 400 |
| Artikolu 34(l)(a) | Lm 750 | Lm 550 |
| Artikolu 34(l)(b) | Lm 750 | Lm 550 |
| L-Ewwel Skeda - għal | Lm 500 | Lm 400 |

| | | |
|---|---|---|
| kull ksur ta' kull wieħed mis-sub-paragrafi tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' l-imsemmija Skeda | | |
| It-Tielet Skeda – għal kull ksur tal-paragrafi ta' l-imsemmija Skeda | Lm 500 | Lm 400 |
| Ir-Raba' Skeda – għal nuqqas ta' installar jew nuqqas ta' użu tad-*delay mechanism* waqt programmi ta' *phone-in* | Lm 500 | Lm 400 |

1. L-Awtorità tista' timponi fuq kull persuna li tikser kull wieħed mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Ewwel Kolonna ta' din l-Iskeda l-penali korrispondenti li tinsab imsemmija fit-Tieni Kolonna ta' din l-Iskeda: iżda fejn l-Awtorità hi tal-fehma li miċ-ċirkostanzi tal-każ il-gravità ta' l-offiża hija tali li tirrikjedi l-impożizzjoni ta' penali akbar, l-Awtorità tista' timponi penali li ma teċċedix l-ammont stabbilit fl-ewwel proviso għall-paragrafu (ċ) għas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 41 ta' dan l-Att.

2. Meta xi persuna li tiġi notifikata b'avviż skond l-artikolu 41 ta' dan l-Att tagħżel li tħallas il-penali mingħajr ebda kontestazzjoni, hija għandha tkun obbligata li tħallas il-penali indikata fit-Tielet Kolonna ta' din l-Iskeda.

3. F'każ tat-tieni ksur jew ta' ksur ieħor sussegwenti tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, il-penali msemmija fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni ta' din l-Iskeda għandhom jiżdiedu b'għoxrin

fil-mija għat-tieni ksur u b'għoxrin fil-mija oħra għal kull ksur ieħor sussegwenti.".

**18.** Il-kelma "nazzjonalità" fl-artikolu 6 ta' l-Att dwar l-Istampa għandha tiġi sostitwita bil-kliem "nazzjonalità, sess, diżabilità kif definita fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, Kap. 413,". Emenda konsegwenzjali. Kap. 248.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 310 tat-12 ta' Ġunju, 2000.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*